MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1421/2003

**Trevor Mucklow**

**vs**

**Jean Claude Borg Olivier**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin ((Lm193.00) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-8 ta' April 2003 bejn il-vettura numru JAL 532 misjuqa minn Maria Saliba u propjeta' tal-attur u l-mutur bin-numru DAI 261 misjuq mill-konvenut liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur attrici s-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin ((Lm193.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------